**22 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Antonio Schembri

*versus*

Inez Wicker

**Konkubinat.**

*Ir-rigali u affarijiet oħra l-konkubin jagħti lill-konkubina, u viċeversa, mhux neċessarjament u assolutament jista' jkun ritenut li ġew mogħtija għall-favuri intimi ta' bejniethom; u l-karattru u skop ta' dawk id-donattivi, jew serviġi, jiddependi mill-provi u mill-konvinċiment morali li jitnissel fil-ġudikant minn dawk l-istess provi.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u provvediment opportun, talab li l-konvenuta tiġi kundannata tħallas lill-attur is-somma ta' £16, prezz ta' xogħol u materjal użat fis-saqaf u fil-paviment, magħmul fuq ordni tagħha fid-dar numru 64 St. Lawrence Street, Senglea; bl-imgħax legali u bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Mill-provi rriżulta li mentri l-attur jgħid li kien hemm ftehim mal-konvenuta fuq ix-xogħol li huwa semma' fid-

depożizzjoni tiegħu, il-konvenuta tinnega dan il-fatt. Għandu jingħad li dawn il-provi saru fl-isfond tal-fatt ammess miż-żewġ partijiet fis-sens li huma għal żmien twil, ta' xi aktar minn ħames snin, kienu f'relazzjonijiet intimi bejniethom bħala mara u raġel, non ostante li l-instanti huwa raġel miżżewweġ u l-mara tiegħu għadha ħajja;

Illi di fronti għal dawn il-provi fl-isfond li ntqal tipproponi ruħha l-kwistjoni jekk bniedem li jgħix in konkubinat ma' mara għandux jiġi ritenut li tabilfors kull ma jagħtiha għandu jippreżumi ruħu mogħti bħala involjament u għarraġuni tal-kontinwità ta' dik il-ħajja intima;

Illi din il-Qorti hija edotta li skond id-dottrina, ir-rigali u affarijiet oħra li konkubin jagħti lill-konkubina, u viċeversa, mhux neċessarjament u assolutament jista' jkun ritenut li ġew mogħtija għal dawk il-favuri intimi; u l-karattru u skop ta' dawk id-donattivi jew, bħal f'dan il-każ serviġi, jiddipendi mill-provi u konvinċiment morali u jitnissel fil-ġudikant minn dawk l-istess provi;

Illi, jekk mill-banda l-waħda huwa sintomatiku kif l-instanti li taha ħafna rigali u flus lill-konvenuta, li kienet tiffornieh bil-persuna tagħha, qiegħed jirreklama biss il-prezz ta' dan ix-xogħol, li huwa ammess mill-attriċi, dan il-fatt jirrendi aktar kredibbli t-teżi attriċi minn dik negattiva tal-konvenuta, li l-materjal u x-xogħol li qiegħed jirreklama l-attur kien mill-ewwel reklamabbli tant oġġettivament kemm fl-espressjoni tal-menti tiegħu, u kwindi d-difiża tal-attriċi li dak ix-xogħol sar minħabba il-favuri tagħha ma għandux jiġi aċċettat. Kieku l-instanti ried emulattivament jaġixxi kontra l-konvenuta, ma kienx jirreklama l-prezz tal-materjali u x-xogħol li qiegħed jirreklama, imma flus u affarijiet oħra; u din il-proċedura tal-instanti tmur biex tikkonvinċi l-Qorti mit-teżi attriċi aktar milli mit-teżi konvenuta;

Illi kwindi t-teżi konvenuta għandha tiġi miċħuda, billi jiġi dikjarat li in okkażjoni ta' dan ix-xogħol l-instanti

ma kienx qiegħed jassumieħ għar-raġuni tal-favuri tal-konvenuta, iżda għat-tornakont tal-mestjer tiegħu;

Għalhekk;

Tiddeċidi billi taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni konvenuta u tilqa' t-talba attriċi; bl-ispejjeż għall-konvenuta.